TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 231/13/GB

**Cynthia Galea**

**vs**

**Art at Home**

Illum 19 ta' Frar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tmien mitt Ewro (€800.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal salott, li jikkonsisti minn 'three-seater'u pultruna, liema salott inxtara minghand is-socjeta' ntimata u li kien difettuż.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat salott fl-10 ta' Novembru 2011 minghand is-socjeta' ntimata ghall-prezz ta' tmien mitt Ewro (€800.00). Il-pultruna kienet minn wara kollha mqatta' u ghalhekk wara li r-rikorrenti kienet ilmentat mas-socjeta' ntimata, l-istess socjeta' ntimata kienet hadet il-pultruna lura u sewwietha, pero' meta haditha lura l-imsemmija pultruna kienet ghadha difettuża. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti kienet regghat ilmentat, u s-socjeta' ntimata kienet hadet lura l-pultruna u tatha wahda ġdida. Pero' anke b'din il-pultruna kien hemm problema, billi kellha l-idejn mifqughin u ma kienitx taqbel mal-kumplament tas-sett. Ir-rikorrenti regghat ilmentat mas-socjeta' ntimata, liema socjeta' ntimata baqghet ma marritx fuq il-post sabiex tara d-difett. Wara sitt xhur, ir-rikorrenti ġiet informata illi s-socjeta' ntimata ma kienitx ser tbiddel il-pultruna. Illum il-gurnata d-difett kiber tant illi fejn tpoġġi thoss il-mollol.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti xtrat l-irhas salott '3 + 1' fl-10 ta' Novembru 2011. Is-socjeta' ntimata hadet is-salott ghand ir-rikorrenti meta xtaqet, fejn ir-rikorrenti hallset l-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800.00). Meta saret il-konsenja, ir-rikorrenti ma kienitx sodisfatta bil-pultruna. Ghalkemm ma kien fiha xejn, is-socjeta' ntimata biddletielha. Wara hmistax, ir-rikorrenti regghat ċemplet biex tilmenta fuq l-istess pultruna. Billi l-ewwel darba s-socjeta' ntimata kienet taf li ma kien fiha xejn, regghat tatha pultruna ohra. Wara xahrejn, ir-rikorrenti regghat ċemplet biex tilmenta fuq it-'three-seater' li kellha l-idejn mifqughin. Is-socjeta' ntimata regghat bidlet it-'three-seater'. Wara, ir-rikorrenti ċemplet kemm-il darba, daqqa ghal haġa u daqqa ghal ohra. Is-socjeta' ntimata dejjem marret id-dar taghha ghalxejn. Wara sena u nofs, ir-rikorrenti marret is-showroom tilmenta li l-hjata ma taqbilx. Is-socjeta' ntimata ppruvat tfehemha li l-hjata ma huwiex difett mohbi u ma regghatx marret ghand ir-rikrrenti ghal xejn ghaliex din id-darba kienet ċerta li ma kienx hemm hsara. Rigward il-molol dawn huma effetti tal-uzu.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn stqarret ukoll illi hija fitta hafna fl-affarijiet taghha u ghalhekk tibza hafna ghalihom.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.CG1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn kompliet issostni illi r-rikorrenti kienet ghazlet l-orhos salott li kellha. Ikkonfermat ukoll illi rigwardanti l-ahhar ilment tal-molol, hija ma marritx fuq il-post ghaliex ma bdietx taghti kasha lir-rikorrenti. Stqarret ukoll illi bl-uzu sufan ma jibqax l-istess.

Is-socjeta' ntimata ezebiet sett ta' sitt (6) ritratt tal-mudell tas-sufan in kwistjoni hekk kif jidher fis-showroom tas-socjeta' ntimata, li gew immarkati bhala Dok.AH1.

Xehed Philip Attard, prodott mis-socjeta' ntimata, fejn bil-gurament huwa kkorobora x-xhieda tas-socjeta' ntimata, pero' stqarr illi ma kienx jaf bil-problema tal-molol.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, ikkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-konsiderazzjoni li ma jistax ikun li pultruna (jew kwalunkwe oġġett iehor) tittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, tlieta u xorta tibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur, wara liema nkonvenjenza s-socjeta' ntimata sa ammettiet hija stess illi *"Ahna ma rgajniex morna ghand Mrs Galea ghaliex ghajjejna mmorru ghandha ghalxejn u din d-darba konna aktar ċerti li ma hemmx hsara."* . Illi t-Tribunal ma jistax ma jikkummentax dwar dan l-agir deplorevoli tas-socjeta' ntimata fil-konfront tar-rikorrenti konsumatur, fejn il-kummercjant jista' jaqbad u

jasal għal tali konklużjonijiet mingħajr ma jagħmel il-verifiki opportuni, u lanqas jista' ma jikkummentax dwar il-fatt illi *"effetti ta'uzu"* ma għandhomx jirriżultaw wara biss sena u nofs! Illi, in vista tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal jikkonkludi illi s-socjeta' ntimata naqqset fis-servizzi tagħha fil-konfront tar-rikorrenti konsumatur, u għalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata tieħu lura s-salott in kwistjoni u tħallas l-ammont ta' tmien mitt Ewro (€800.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**